| | |
|---|---|
| 43. Wara jumejn ħareġ men hemma, u mar fel-Galilea. | 43. U minn hemm u jumejn ħarġa minn hemm u mar fil-Galilea. |

Biex nagħtu xi ħjiel iżjed fil-wisa' tat-testi Maltin, jiġifieri tal-Malti ta' Canolo mxebbaħ ma' dak tal-kittieb tal-manuskritt, nissuktaw inġibu xi siltiet oħra ta' dawn it-testi bla ma nġibu għal qosor it-test Latin u Taljan.

| **Traduzzjoni Maltija ta' G.M. Canolo** | **Korrezzjoni tat-traduzzjoni** |
|---|---|
| 49. U qalu er-rajjes : Ja Mulej enżel qabel ebni ma jmut. | 49. Qallu r-raġel : Sinjur fittex inżel qabel ma ibni jmut. |
| 50. Murr, qallu Ġesù : igħix ebnek. U er-rajjes emmen el-kliem li qallu Ġesù, u marr. | 50. Qallu Ġesù : Mur, ibnek igħix. U r-raġel emmen il-kliem li qallu Ġesù, u mar. |
| 51. U meta kien qorob lejn ed-dar, ġrew lejh el-qaddejjin, u ħabbruh, qalulu, el kif ebnu hu ħaj. | 51. U malli kien sejjer, ġew fuqu s-servi bil-bxara, u qalulu li ibnu ħaj. |
| 52. Saqsiehom emmela x'ħin beda jgħaddi għall-aħjar. U huma qalulu : Elbieraħ f'xi essebgħa, ħallieh ed-deni. | 52. Għalhekk staqsihom x'ħin għadda għall-aħjar. U qalu : li l-bieraħ fil-għaxija ħallieh id-deni. |
| 53. Għaraf emmela el missier, li hija kienet dik is-siegħa, li fiha qallu Ġesù : igħix ebnek : u emmen hu, u daru kollha. | 53. U hekk għaraf il-missier li kien dak il-ħin li Ġesù qallu : igħix ibnek ; u emmen hu u daru kollha. |
| 54. Dan hu et-tieni miraklu, li għamel minn ġdid Ġesù meta raġa' (ġie) mell-Ġudea fil-Galilea. | 54. Dat-tieni miraklu raġa' għamel Ġesù wara li ġie mill-Ġudea fil-Galilea. |

Inħallu għall-qarrej il-kommenti dwar id-differenza taż-żewġ traduzzjonijiet. Iżda ma nistgħux ma nosservawx li, għal dak li hu lessiku u kostruzzjoni sintattika, il-qarrej għandu jaqbel magħna li l-korrezzjoni tat-traduzzjoni tat-test ta' Canolo hija wisq iżjed popolari jew mexxejja, iżda mbagħad għal dik li hi reqqa jidher ukoll li l-kittieb tal-manuskritt, jiġifieri r-reviżur tat-traduzzjoni, ma għarafx japprezza xi espressjonijiet ta' Canolo bit-



tibdil li għamel li f'xi bnadi jitbiegħed mit-test tal-Latin u mit-traduzzjoni tal-Martini.

Ir-reviżur deherlu li għandu jikkoreġi wkoll it-traskrizzjoni ta' Canolo, billi jbiddel xi simboli ta' l-alfabet, ngħidu aħna fejn Canolo juża *k* għal *kaf*, *s* bi tliet punti fuqha għax-*xin*, *j* għal *ja*, *k* b'żewġ punti fuqha għal *qof*. ir-reviżur juża *ch*, *sc*, *gn*, u *k*. It-lanqas f'xi bnadi l-kostruzzjoni ta' xi kliem fil-manuskritt ma taqbel mat-test tat-traduzzjoni ta' Canolo. Ara taħt 50 fejn fil-manuskritt tar-reviżur naqraw : *Murr qallu Ġesù : igħix ebnek* fil-waqt li fit-test naqraw : *Ġesu qallu : Murr, igħix ebnek.*

---

## MAMMONA

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Irrid immut bil-ġuħ milli din qalbi
Titlef il-ġieh, id-dawl u l-kenn ta' mħabba
Jew tħassar xewqti u tberridli talbi
U tħalli ismi, mħabba fik, imtabba'.

F'idejk, Mammona, ssib kemm trid ilsiera
Li jiġru warajk bla nifs, bla ġieh, bla sliema :
Jien nibqa' nimxi din it-triq imwiegħra
Ħieni bil-ftit, bla għira u bla ndiema.

Misħut min liłek, fuq il-Ħaqq u s-Sewwa.
Iqimek bla ma jqis serq u moħqrija ;
Min jagħsar demm il-fqir, min dik il-ħlewwa
Jaħsad mill-qlub, għall-Flus, minn dar kennija.

Kemm int bla qalb, bla ġieh ma ngħidux jiena :
Inti ċarċart demm Alla mingħajr ħniena!